



Brussell, 2 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

14198/25

LIMITE

POLCOM 303
COMER 136

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb li jiġu modifikati l-konċessjonijiet magħmula mill-Unjoni fir-rigward tat-tariffi tal-importazzjoni applikabbli għal ċerti prodotti tal-azzar fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb li jiġu modifikati l-konċessjonijiet magħmula mill-Unjoni fir-rigward tat-tariffi tal-importazzjoni applikabbli għal ċerti prodotti tal-azzar fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u l-Artikolu 218(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar, bil-ħsieb li timmodifika l-konċessjonijiet tariffarji tal-importazzjoni li bħalissa huma inklużi fl-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tal-Unjoni annessa mal-GATT tal-1994, kif modifikata qabel, fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tal-azzar elenkati fl-Anness 2.
2. In-negozjati għandhom isiru abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

